



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0224(COD)

---

---

7064/2/20  
REV 2 ADD 1

RECH 118  
COMPET 132  
IND 42  
MI 92  
EDUC 112  
TELECOM 43  
ENER 95  
ENV 190  
REGIO 38  
AGRI 101  
TRANS 142  
SAN 115  
CADREFIN 49  
CODEC 224  
PARLNAT 149

#### DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

---

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Marzu 2021

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat, abbażi tal-Artikoli 173, 182, 183 u 188 TFUE, il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu (2021-2027)<sup>1</sup> - (il-"Programm").
2. Fit-13 ta' Ġunju 2018, matul il-leġiżlatura preċedenti, il-Parlament Ewropew ħatar lill-MEP Dan NICA (S&D) bħala relatur dwar il-Programm Qafas<sup>2</sup>. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018<sup>3</sup>, filwaqt li l-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fil-Plenarja tiegħu tat-8-10 ta' Ottubru 2018<sup>4</sup>.
3. Il-Kunsill adotta Approċċ Ġenerali Parzjali fil-laqgħa tiegħu (Kompetittività) tat-30 ta' Novembru 2018<sup>5</sup>. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-rapport tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018<sup>6</sup>. Dawn id-dokumenti pprovde l-mandati rispettivi biex jinbde l-negozzjati informali.
4. Lejn tmiem il-leġiżlatura preċedenti (2014-19), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, organizzaw sitt trilogi politiċi (9 ta' Jannar, 29 ta' Jannar, 21 ta' Frar, 7 ta' Marzu, 14 ta' Marzu u 19 ta' Marzu 2019).

---

<sup>1</sup> 9865/18 + ADD 1-6

<sup>2</sup> Il-Parlament Ewropew elett għall-mandat 2019-24 ikkonferma dik il-ħatra.

<sup>3</sup> 13758/18

<sup>4</sup> 13759/18

<sup>5</sup> 15102/18 + ADD 1; HU ma setgħetx tappoġġa dan l-Approċċ Ġenerali Parzjali.

<sup>6</sup> P8\_TA(2018)0509

5. Wara t-trilogu politiku tad-19 ta' Marzu 2019, il-koleġislaturi laħqu "Fehim Komuni" komprensiv, li kopra l-biċċa l-kbira tal-partijiet tal-att legali<sup>7</sup> bl-eċċezzjoni, fost l-oħrajn, ta' dispożizzjonijiet orizzontali marbuta man-negozjati tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027.
6. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja li tirrifletti t-test tal-Fehim Komuni<sup>8</sup>, u b'hekk witta t-triq għal qbil bikri fit-tieni qari bejn il-koleġislaturi.
7. Fid-29 ta' Novembru 2019, il-Kunsill Kompetittività adotta Approċċ Ġenerali Parzjali dwar il-premessi u dwar l-Anness IV dwar is-sinerġiji, li ma kinux jiffurmaw parti mill-Fehim Komuni<sup>9</sup>.
8. Fl-4 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta emendata li tagħmel disponibbli finanzjament mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (Next Generation EU, NGEU) għal Orizzont Ewropa<sup>10</sup>.
9. Fid-29 ta' Settembru 2020, wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill Kompetittività adotta Approċċ Ġenerali dwar il-pakkett leġiżlattiv kollu ta' Orizzont Ewropa<sup>11</sup>, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-baġit u dwar l-NGEU, dwar il-kooperazzjoni internazzjonali u l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi għall-Programm kif ukoll dwar sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni.

---

<sup>7</sup> 7442/19. Il-Ftehim Komuni ġie kkonfermat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-27 ta' Marzu 2019.

<sup>8</sup> 8571/19

<sup>9</sup> 14298/1/19 REV1

<sup>10</sup> 8555/20

<sup>11</sup> 11251/20 REV1 + COR1 u 11256/20

10. Wara żewġ trilogi politiċi addizzjonali, li saru rispettivament fis-6 ta' Ottubru 2020 u fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2020, il-koleġiżlaturi laħqu qbil politiku proviżorju dwar il-kwistjonijiet miftuħa kollha. Dan il-ftehim politiku ġie approvat mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) tal-Parlament Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2020 u mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-18 ta' Diċembru 2020<sup>12</sup>.
11. Permezz ta' ittra tal-21 ta' Jannar 2021, il-President tal-Kumitat ITRE informa lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu kif miftiehem, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, huwa jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament.

## II. OBJETTIV

12. L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jwassal l-impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku u soċjetali tal-investimenti tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex isaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni u jrawwem il-kompetittività tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha inkluż fl-industrija tagħha, iwettaq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u jikkontribwixxi għar-realizzazzjoni tal-objettivi u l-politiki tal-Unjoni, jindirizza l-isfidi globali, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi jsegwi l-prinċipji tal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, u jsaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Il-Programm għandu b'hekk jimmassimizza l-valur miżjud tal-Unjoni billi jiffoka fuq għanijiet u attivitajiet li ma jistgħux jitwettqu b'mod effettiv mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom, iżda b'kooperazzjoni.

---

<sup>12</sup> 14239/20

### III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

#### A. Osservazzjonijiet ġenerali

13. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil bikri fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Kunsill li l-Parlament seta' japprovaha kif kienet. It-test tal-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Kunsill jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq bejn il-koleġislaturi.
14. Il-Kunsill jikkondividi l-oġġettivi u l-prinċipji deskritti fil-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u jappoġġa l-istruttura tal-Programm li ser tikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-oġġettivi. Il-Kunsill jista' jallinja bis-sħiħ mal-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew fir-rigward tar-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar.
15. Il-Kunsill jappoġġa l-identifikazzjoni ta' oqsma għal missjonijiet possibbli ta' riċerka u innovazzjoni u oqsma għal Sħubiji Ewropej istituzzjonalizzati possibbli f'anness tar-Regolament. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ddedikati għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jiffokaw prinċipalment fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela, li jimmiraw b'mod speċjali l-innovazzjoni li toħloq is-swieq, filwaqt li jappoġġaw ukoll it-tipi kollha ta' innovazzjoni, inklud dawk inkrementali.
16. B'mod simili għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill iqis li t-"Twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" jikkostitwixxu parti vitali mill-Programm. Orizzont Ewropa għandu jassisti lill-pajjiżi li fih trid tiżdied il-parteċipazzjoni biex iżidu l-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa u biex jipromwovu kopertura ġeografika wiesgħa fi proġetti kollaborattivi. Il-Kunsill jappoġġa l-allokazzjoni ta' mill-inqas 3.3 % tal-baġit ġenerali ta' Orizzont Ewropa għall-fergħa "Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza" tal-parti tal-Programm "Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka", u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distakk bejn ir-R&I, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-eċċellenza.

## B. Osservazzjonijiet speċifiċi

17. Fl-aħħar trilogu li sar fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2020, il-koleġiżlaturi setgħu jsibu kompromess dwar il-kwistjonijiet pendenti li ġejjin:

- **Aspetti tal-baġit:** Għall-pakkett finanzjarju "regolari", il-ftehim proviżorju jsegwi d-distribuzzjoni kif tinsab fl-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill li ntlaħaq fid-29 ta' Settembru 2020. Għaż-"żieda" addizzjonali li tirriżulta minn marġnijiet taħt il-limiti massimi tal-QFP u dawk li jirriżultaw minn multi tal-kompetizzjoni, il-koleġiżlaturi qablu li jiddefinixxu d-distribuzzjoni tagħhom fir-Regolament. Għaż-"żieda" addizzjonali li tirriżulta minn diżimpenji, id-distribuzzjoni hija prevista fi stqarrija politika konġunta. Barra minn hekk, ir-riżorsi li jirriżultaw mill-NGEU huma wkoll imqassma b'mod indikattiv fir-Regolament.
- **Sinerġiji ma' Programmi oħra tal-Unjoni:** il-ftehim proviżorju jgħib ħafna mid-dispożizzjonijiet relatati mas-sinerġiji f'Artikolu uniku tar-Regolament. B'mod partikolari, il-ftehim politiku jirrifletti l-possibbiltà li l-kontributi minn ċerti Programmi tal-Unjoni jistgħu jitqiesu bħala kontribut tal-Istat Membru parteċipanti għas-Sħubiji Ewropej.
- **Kooperazzjoni internazzjonali u assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi:** it-test ta' kompromess iżid dispożizzjonijiet dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi assoċjati, jirrifletti l-possibbiltà li tiġi limitata l-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali kkontrollati minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet legali ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati u għandu approċċ flessibbli dwar assoċjazzjoni parzjali ta' pajjiżi terzi ma' Orizzont Ewropa.

#### IV. KONKLUŻJONI

18. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu (2021-2027) - tirrispetta kompletament il-kompromess milħuq fin-negozjati, iffaċilitati mill-Kummissjoni Ewropea, bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
19. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova din id-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, u
  - jibgħat dik id-Dikjarazzjoni lill-Parlament Ewropew.
20. Wara l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew tal-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari, li tapprova l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu (2021-2027) - ser jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.
-